

Sena 3000

Il-ġebel xegħel bid-dawl tax-xemx u jdejh kellhom riħa ta' sagħtar mitħun. Għenieqed ta' nida kienu mqabbdha mal-ħaxix. Anton poġġa fuq zokk u għaġen saqajh ġol-ħamrija sħuna mħallta bl-irmied tal-vulkani. Qaġhad iħares lejn il-foresta tal-ballut li titla' mill-Addolorata u tibqa' sejra saż-Żejtun. Merħla ippopotami telgħu f'wiċċ għadira kbira u aktar 'il fuq żewġ orsijiet żgħar resqu lejn it-tarf m'omhom. Mazzarell ikħal waqaf għal ftit quddiemu, ġwinħajh għaddejjin f'ferneżija qabel tar 'il fuq. Anton baqa' jsegwih sakemm ma rahx aktar.

Is-sena kienet 3000 u fl-aħħar il-proġett tiegħu kien lest. Malta għamluha ġnien. Il-blokk tal-konkrit żarmawhom. Żergħu foresti sħaħ. Ħaffru ġibjuni kbar u għadd ta' trinek biex jgħaddu n-nixxiġħat tal-ilma ġieri lejn in-naħa t'isfel tal-gżira. Neħħew it-toroq u l-bini u minflok bnew widien bis-siġar fuq kull naħa.

Naddfu l-baħar imniġġes ta' madwar il-gżira. Tellgħu ż-żibel li kien ilu hemm u vapuri jaħdmu bil-pannelli solari neħħew iż-żjut ta' mal-wiċċ. Neħħew il-gaġeġ imsadda tal-ħut li ma baqgħux jintużaw. Il-baħar fil-bajjiet reġa' ħa lewn blu wara li ħdar b'eċċess ta' nutrijenti.

Ma kienx proġett faċli. Ftit kellhom traċċi ta' kif kienet il-gżira qabel dan l-isfreġju ambjentali. Għajr għal fdalijiet tal-annimali li sabu f'Għar Dalam ma kinux jafu eżatt x'tip ta' annimali kienu jgħixu fil-gżejjer. Wara snin sħaħ biex ħattew il-bini li mill-ispazju deher bħall-faqqiegħ joħnoq kull roqgħa, kellhom jistennew sakemm il-pjanti u s-siġar jibdedw jikbru. L-ewwel pjanti ma ħadux u mietu. Meta bdew jikbru kienu jimirdu wara xi żmien u jmutu. Il-frott kien jitħassar wara ftit. Kienu jaqtgħu fergħa u jtellgħuhielu fil-laboratorju abbord l-istazzjon spazjali fejn taħt il-mikroskopji Anton kien jara għaliex is-siġar u l-pjanti kienu mietu.

Fl-istazzjon kellhom żrieragħ ta' kull xorta. Kienu jinżlu Malta, jiżirgħu u jistennew. Anton baqa' jstinka u jibgħat iż-żrieragħ sakemm fl-aħħar, fuq siġra kibret frotta li ma tħassritx. Qatgħu fergħa u telgħu biha abbord vettura spazjali fejn żeragħha f'waħda mis-serer li kellu, jiċċekkja kuljum jekk il-fergħa kinitx se tmut jew le.

Sakemm... Werqa ċkejna, iżgħar mid-difer ta' sebgħu ż-żgħir, bdiet tispona fuq il-fergħa, tqila b'qatra ilma fuqha mill-bexxiexi ta' ġewwa s-serra. Mess il-werqa kemm kemm b'subgħajh u l-qatra waqgħet fil-ħamrija. Ma setax jemmen lil għajnejh imma fl-istess ħin kien kuntent li l-paċenzja tiegħu ħalliet il-frott.